MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 338/2008

**A B**
**vs**
**C B, f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem tal-minuri D B,**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-attur u l-konvenuta C B izzewgu fil-25 ta' Frar 1995, u fit-22 ta' Frar 1998 twieldet it-tifla D B registrata bl-att tat-twelid numru 869/1998 bhala bint l-attur; li din it-tarbija hija frott ta' relazzjoni extra-matrimonjali li l-konvenuta kellha matul iz-zwieg; li l-attur kien gie awtorizzat jipprocedi bil-kawza odjerna b' digriet moghti fid-9 ta' Gunju 2008 b' applikazzjoni ta' l-artikolu 73 tal-Kap.16; ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li t-tifla minuri D imwielda, kif fuq jinghad, fil-25 ta' Frar 1998, m' hijiex il-wild ta' l-esponent izda l-frott ta' relazzjoni barra z-zwieg li kellha l-konvenuta C B; u

2. Tordna konsegwentement li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni ta' l-att tat-twelid ta' l-imsemmija tifla D;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri tad-digriet surriferit moghti fid-9 ta' Gunju, 2008 mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha espona:

1. Illli preliminarjament trattasi minn kawża ta' *denegata paternita'* r-rikorrenti jeħtieġlu jipprova u jissodisfa talanqas waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-**Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi bla preġudizzju għal premess, għal kull preċiżazzjoni tajjeb li jiġi rilevat li f'każ li tintlaqa' t-talba li D B mhijiex il-wild naturali tar-rikorrenti, l-uniċi korrezzjonijiet li jistgħu jiġu effetwati fiċ-ċertifikat tat-twelid 896 tas-sena 1998 huma li jiġu kkanċellati l-partikolaritajiet kollha tar-rikorrenti bħala missier il-minuri D B u minflok jiġi mniżżel li D B hija wild ta' persuna mhux magħrufa. Naturalment tajjeb imbagħad li jiġi ssottolinejat li tali korrezzjonijiet bl-ebda mod ma jippreġudikaw lill-missier naturali milli jieħu dawk il-passi ta' rikonoxximent imsemmija fil-liġi jonkella li l-minuri tressaq proċeduri ta' riċerka ta' paternità;

3. Illi inoltre mill-Att tat-Twelid 896 tas-sena 1998 għandhom jiġu mħassra l-kliem '*The Father*' mir-ringiela fejn hemm indikat min għamel id-dikjarazzjoni u jitneħħew ukoll il-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem A B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm;

4. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C B li biha, filwaqt li ddikjarat li taqbel li t-tifla D B mhijiex il-wild naturali ta' l-attur, issostni li hi m'ghandhiex tbati spejjez ta' dawn il-proceduri "billi hija kienet indotta [sottolinear tal-Qorti] mill-attur biex ikollha l-ulied minn haddiehor, u dan sabiex hu jibqa' jahbi l-isterilita' tieghu" [fol.45];

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA debitament mahluf mill-awturi tieghu [fols.71 et seq.];

Rat il-verbal maghmul fl-udjenza tat-12 ta' Mejju 2010 li permezz tieghu il-partijiet qabblu "li l-provi migjuba fil-kawza numru 337/08NC, jigu kkunsidrati wkoll bhala provi migjuba fil-kawza odjerna, b' mod li jifformaw parti ntegrali mill-istess."

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-16 ta' Frar 2010 li permezz tieghu d-Direttur irtira t-tieni eccezzjoni;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla D B li twieldet mill-konvenuta C B fit-22 ta' Frar 1998 u li fuq l-att tat-

twelid it-tarbija [numru 869/98] giet registrata bhala l-wild ta' l-attur, mhijiex fil-fatt il-wild naturali u biologiku ta' l-attur.
Minn naha taghha l-konvenuta taqbel ma' din il-pretensjoni, u jidher li l-vertenza f' din il-kawza tikkoncerna biss il-kap ta' l-ispejjez, stante li, filwaqt li l-attur isostni li hu ma kienx jaf bir-relazzjoni extra matrimonjali ta' martu, din minn naha taghha ssostni li kien l-attur stess li kien inducìha ghal tali relazzjoni bil-ghan li jahbi mit-terzi l-istat ta' infertilita' tieghu.

**Il-Fatti**
*Verzjoni Attur*
Illi fit-22 ta' Frar 1998 l-konvenuta, allura mart l-attur, weldet tifla bl-isem D B.

Illi l-attur jghid li huwa skopra li mis-sena 2002 sas-sena 2005, u waqt il-konvivenza matrimonjali, martu kellha relazzjoni extra matrimonjali ad insaputa tieghu ma' terz identifikat minnu, tant li sahansitra fid-29 ta' Lulju 2003 twieled it-tifel Jake minn din ir-relazzjoni.

Illi minhabba dubji li tqajmu f' mohh l-attur dwar il-vera paternita' tat-tifla D B, anke peress li l-attur kellu kondizzjoni medika li kienet taghmilha difficli hafna ghalih li jipprokrea, huwa ghamel it-test tal-paternita' u r-rizultanzi tat-testijiet xjentifici kkonfermaw id-dubji tieghu fis-sens li eskludewh bhala il-missier naturali tat-tarbija D.

Jghid ukoll li fit-12 ta' April 2005 il-konvenuta welldet wild iehor li, permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-7 ta' Lulju 2008, gie konfermat li dan it-tifel ukoll ma kienx il-wild naturali tieghu.

L-attur jichad li hu kien jaf minn qabel iz-zwieg bil-kondizzjoni tieghu, u jichad ukoll li din il-kondizzjoni kienet taghmilha mpossibbli ghalih li jkollu tfal.

Huwa jghid li kien gie ngannat minn martu sakem eventwalment skopra r-relazzjoni extra matrimonjali taghha fuq indikata.

*Verzjoni Konvenuta*
Din tghid li l-attur kien ilu jaf sa minn qabel iz-zwieg dwar il-kondizzjoni tieghu pero' ghal snin shah kien heba din il-problema minnha u mill-membri tal-familja tieghu u minn shabu tax-xoghol.

Tghid li hu kien iffissa fuq hekk tant "li spiss kien jghidli li lanqas jekk immur ma' ragel iehor ma kien ser jitlaqni."

Tirrakkonta episodju meta hi kienet marret ma' ragel li ma kinitx tafu, fuq stedina tieghu, u kellhom x' jaqsmu sesswalment "biss xi ghaxar minuti" peress li f' "mohhi kelli biss li ninqabad tqila." Rizultat ta' din il-fling izolata hija kienet harget tqila. Tghid li l-attur kien accetta t-tarbija u "ghalkemm qatt ma tkellimna car [sottolinear tal-Qorti], jien nghid li t-tnejn qbilna f' dak li gara ghax it-tnejn ridna t-tfal." Tghid li hekk kif twieldet it-tifla, l-attur kien mar jirregistraha fuq ismu.

Il-Konsulent Arthur Felice jghid li l-isperm count ta' l-attur kien baxx. Jghid li, wara li saret l-operazzjoni fil-25 ta' Novembru 1995 "kont nikkunsidera l-possibilita' ta' fertilita' tieghu kienet baxxa. Pero' ma kontx qed neskludi li seta' jaghmel ameljorament biz-zmien. Ghalhekk jien zgur illi ma ghidtx lil B illi qatt ma seta' jkollu t-tfal; kienet difficli f' dak l-istadju, pero' ma eskludejtx." [fol.78].

Ta' l-istess fehema kien it-tabib Dottor Josie Muscat li kien ra lill-attur l-ewwel darba fil-21 ta' Mejju 1996. Dan ix-xhud jghid li "meta [jiena] ghidt illi b' mod naturali kien kwazi mpossibbli ghall-koppja illi jikkoncepixxu, kont qed infisser illi ladarba kien hemm sperma, seta' koncettwalment ikun hemm tqala, ghax wara kollox sperma wahda ghandek bzonn."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-provi jirrizulta provat u pacifiku li t-tifla D Buhagiar li twieldet mill-konvenuta fit-22 ta' Frar 1998 mhijiex il-wild naturali tal-attur. Dan jirrizulta konfermat ukoll mir-rizultanzi tat-testijiet xjentifici tad-DNA li eskludew lill-attur bhala l-missier naturali u bijologiku ta' l-imsemmija tifla.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

*Spejjez*
Illi dwar dan il-kap, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet fattwali:

[1] Illi mill-provi akkwiziti ma jirrizulax provata ghas-sodisfazzjoni ta' din il-Qorti l-allegazzjoni tal-konvenuta li kien l-attur li nduciha biex jkollha tarbija minn terz. F' dan ir-rigward il-Qorti tosserva li, apparti mill-fatt li l-attur jghid li hu ma kienx jaf bl-infedelta' ta' martu, biex mara mizzewga tmur ma' ragel li ma tafux bil-hsieb li tinqabad tqila, tehtieg ferm aktar mis- sempli kummenti fuq indikati. Il-Qorti hija tal-fehema li l-konvenuta marret ma' dan ir-ragel skonoxxut ghaliha u kellha x' taqsam mieghu sesswalment, mhux ghax kienet indotta mill-attur, izda ghax riedet hi li taghmel hekk. Dan jinsab konfermat mid-diskors taghha fl-affidavit fejn tghid: "f' mohhi kelli biss li ninqabad tqila."

[2] Illi hadd mit-tobba ma eskluda b' mod assolut li l-attur ma setghax jipprokrea, ghalkemm ikkonfermaw li dan kien difficli hafna. Ghalhekk dejjem kien hemm dak ix-xaqq ta' speranza da parti ta' l-attur li hu seta' jkollu t-tfal. Din il-konsiderazzjoni teskludi dak li qed issostni l-konvenuta, u cioe' li l-fatt li l-attur kien accetta lit-tifla bhala tieghu, allura din hi prova konkluziva li hu kien jaf mill-bidunett li t-tifla ma kintix minn tieghu.

[3] Illi l-fatt li l-attur irregistra t-tifla fuq ismu se mai jikkonforta t-tezi tieghu, u cioe' li hu kien gie ngannat mill-konvenuta li jahseb li t-tifla hija l-wild naturali tieghu. Izda, apparti dawn il-konsiderazzjonijiet fattwali, u b' izjed forza, jinghad li, fic-cirkostanzi, tenut kont tal-prezunjoni legali kontemplata fl-artikolu 67 tal-Kap.16, u tenut kont tal-fatt li ma rrizultax li f' dak iz-zmien il-partijiet kienu separati legalment, ir-registrazzjoni ma setghetx issir mod iehor legalment, hlief billi t-tarbija tigi registrata bil-kunjom tal-missier [Art.280 Kap.16].

Illi tenut kont tal-premess il-Qorti hi tal-fehema li l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta fl-intier taghhom.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tifla D B, li twieldet mill-konvenuta C B fit-22 ta' Frar 1998, mhijiex il-wild naturali u bijologika ta' l-attur; u ghalhekk tordna l-konsegwenzjali korrezzjonijiet fl-imsemmi att tat-twelid.

Spejjez kollha a kariku tal-konvenuta, C B proprio.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------